# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

## Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja

## Lezzjoni 2.3: U kollox reġa' ħa l-ħajja.

## L-Għanijiet:



**L-istudenti:**

1. Jisimgħu u jifhmu min kien Ezekjel
2. Jitgħallmu x'għamel dan il-profeta.
3. Jifhmu li bħalu jridu juru fedelta' lejn Alla.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint: stampa ta' omm qiegħda tirrabja ma' binha, stampa ta' tifla qed tgħin u stampi mill-istorja ta' Eżekjel.



- Karta ta' Taħriġ 2.3.
- Storja minn Youtube:

  *Have you filled your bucket today?*

  http://www.youtube.com/watch?v=1FAo_mMbGyU

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri l-istampa tal-omm li qed tirrabja mat-tifel.
- Iddiskuti u staqsi għalfejn taħseb li qed tirrabja miegħu u x'seta' ġara, u kif qed iħossuhom.
- Asal għall-punt li meta nagħmlu l-ħażin, inweġġgħu lil xi ħadd u aħna nħossna mdejqin.
- Uri l-istampa tat-tifla li qed tgħin lil ommha. Iddiskuti x'qed tagħmel it-tifla.
- Asal għall-punt li meta jiena qed ngħin, jien qed inkun ferħana u qed nagħmel lil ħaddieħor ferħan.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-Lezzjoni)



- Uri l-istampi mill-istorja ta' Eżekjel u agħti din l-informazzjoni:

  Eżekjel kien jgħix 600 sena Q.K. Il-Lhud li kienu jgħixu Ġerusalemm, attakkawhom is-suldati tal-Babilonja, qatlu ħafna minnhom u l-bqija ħaduhom ilsiera. Meta dawn il-Lhud kienu fit-tbatija ndunaw kemm kienu tbiegħdu minn Alla u allura bdew jitolbuh jgħinhom u jaħfrilhom. U Alla bagħtilhom lil Eżekjel. Biex jurih u jfiehmu x'kellu jagħmel, urih wied li kien mimli għadam. B'dan l-għadam Alla ried ifisser li meta l-bniedem ikun qed jagħmel il-ħażin – ikun fid-dnub, ikun mejjet għal Alla u għal ta' madwaru, bħal dak l-għadam, għax ma jkunx jista' jagħmel ġid. Alla staqsih: "Jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?" U Eżekjel qallu: "Inti taf Mulej!" Alla fiehmu li jekk il-poplu jkollu min jgħallmu biex jerġa' lura mill-ħażen tiegħu, ikun kapaċi jerġa' jibda jgħix fit-triq it-tajba. Alla kellu bżonn lil xi ħadd biex jgħin lin-nies jagħrfu l-ħażen u

quddiem din is-sitwazzjoni Eżekjel qallu: "Hawn jien. Ibgħat lili!" Eżekjel mar. Fil-bidu kien ibati ħafna għax ħadd ma kien jagħtih widen, imma mbagħad bdew jisimgħuh u daru lejn Alla.

- Oħroġ dawn il-punti:

  Għandna nkunu bħal Eżekjel, lesti li nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ħaddieħor ikun ferħan.

  Meta ma ngħixux sew, ma nġibux ġid, inkunu fit-triq tal-mewt u nkunu kawża ta' ħsara u nkwiet.

  Aktar ma nersqu lejn Alla, aktar ikollna ħajja sabiħa u ngħixu fil-paċi.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.3. Aqra u spjega s-silta mgħotija u fuq bażi ta' klassi imla Attività A.
- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B u wara ara li kulħadd ikun niżżel ir-risposti t-tajbin.
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li aħna rridu noqogħdu attenti għall-vuċi t'Alla li tasal għandna permezz ta' dawk kollha li jridulna l-ġid.
- Spiċċa l-lezzjoni billi ssegwi l-istorja: *Have you filled your bucket today?* Minn fuq Youtube.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Eżekjel kien profeta li għex fi żmien meta l-Lhud kienu lsira fil-Babilonja.
2. Alla deherlu u wrieh wied mimli għadam u permezz ta' din il-ġrajja wrieh li hu kellu jmorr u jgħin lin-nies iwarrbu l-ħażen u jerġgħu jduru lejn Alla.



3. Eżekjel kien żagħżugħ, beża' mill-biċċa xogħol li kien tah Alla, imma ma ħalliex il-biża' jgħelbu imma bil-kuraġġ kollu kien jgħallem u jwissu kemm jiflaħ.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



- Aħna rridu noqgħodu attenti għall-vuċi t'Alla, li tasal għandna permezz ta' dawk kollha li jridulna l-ġid.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Storja: Have you filled your bucket today?

## Nitolbu



Sinjur Ġesu' għini nkun attent għal dak kollu li jgħiduli n-nies li jriduli l-ġid, ħalli nasal lil nagħżel dejjem aktar it-tajjeb mill-ħażin.